MFSA MALTA FINANCIAL SERVICES AUTHORITY

Stqarrija

02 ta' Marzu, 2021

# L-MFSA tippubblika r-riżultati ta' studju dwar il-konsum tal-assigurazzjoni tad-djar

Kważi kwart (24%) ta' dawk li pparteċipaw fi studju riċenti tal-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta (MFSA) qatt ma xtraw polza ta' assigurazzjoni tad-djar. Madankollu, il-maġġoranza ta' dawk li xtraw polza ta' assigurazzjoni tad-dar minħabba li ħadu self mill-bank, beħsiebhom iġeddu l-polza anke wara li titħallas is-somma mislufa. Din l-istatistika ħarġet minn studju li għamlet l-MFSA intitolat "Home Insurance: Consumer Research on Attitudes and Behaviour".

L-istudju żvela wkoll nuqqasijiet f'dak li għandu x'jaqsam mal-għarfien tal-konsumaturi dwar xi tkopri polza ta' assigurazzjoni fuq il-bini u polza ta' assigurazzjoni fuq il-kontenut. Fil-fatt, terz ta' dawk li pparteċipaw fl-istudju ma kinux ċerti x'inhi d-differenza bejn iż-żewġ tipi ta' assigurazzjoni. Hawnhekk, l-MFSA tenfassizza li oġġetti bħal "l-ikel maħżun fill-friża wara li jinqata' id-dawl" jew "serq wara li individwi qarrieqa jitħallew jidħlu, u jisirqu oġġetti ta' valur, minn residenza" m'humiex koperti minn polza ta' assigurazzjoni tal-bini. Mill-banda l-oħra, oġġetti bħal roti, telefowns ċellulari u ċrieket tat-tieġ m'humiex koperti minn polza tal-assigurazzjoni fuq il-kontenut. Meta konsumatur ma jkunx ċert dwar xi tkopri l-assigurazzjoni li qed jixtri għandu jikkonsulta ma' min qed ibiegħ il-polza.

L-istudju indirizza wkoll b'mod wiesa' l-fatturi li jaffettwaw lill-konsumaturi meta jiddeċiedu liema tip ta' assigurazzjoni tad-dar jixtru, kif ukoll informazzjoni dwar kemm il-konsumaturi huma sodisfatti bis-servizz li rċevew.

Din l-informazzjoni ġiet miġbura lejn l-aħħar tal-2020, permezz ta' intervisti bit-telefon u stħarriġ onlajn ma' 700 parteċipant. Il-parteċipanti kienu kklassifikati fit-tliet gruppi: dawk li d-dar li jgħixu fiha hi proprjetà tagħhom (b'self jew mingħajr self), dawk li jgħixu f'residenza li m'hix proprjetà tagħhom li iżda xtraw proprjetà (b'self jew mingħajr self) bl-intenzjoni li tkun id-dar tagħhom fil-futur qarib, u dawk li qed jikru d-dar li jgħixu fiha.

Emily Benson, Kap tad-dipartiment tal-Conduct Supervision fl-MFSA spjegat li, "dan l-istudju kien wieħed mill-prijoritajiet tas-Superviżjoni tal-MFSA kif stabbilit fil-Pjan Strateġiku ta' tliet snin 2019-2021 tal-Awtorità. Il-protezzjoni tal-interessi tal-konsumaturi permezz tal-edukazzjoni u l-għarfien tibqa' fil-qalba tal-operazzjonijiet tal-Awtorità. L-Awtorità tfittex li tidentifika u tindirizza kwalunkwe nuqqasijiet fl-għarfien ta' diversi gruppi tal-komunità, biex tippermettilhom jieħdu deċiżjonijiet aktar infurmati u jtejbu l-fiduċja tagħhom fis-sistema tas-servizzi finanzjarji."

L-MFSA se tkompli teżamina u tikkunsidra r-riżultati ta' dan l-istħarriġ sabiex tindirizza xi nuqqasijiet indikati mis-sejbiet. B'mod partikolari, qed tippjana numru ta' inizjattivi edukattivi dwar il-prodotti tal-assigurazzjoni u mistennija wkoll twettaq aktar reviżjonijiet tal-qafas regolatorju attwali biex tivvaluta jekk hemmx bżonn ta' xi tibdil biex jiġu indirizzati ċerti nuqqasijiet li rriżultaw minn dan l-istħarriġ.

Analiżi dettaljata tat-tweġibiet hija ppubblikata fuq is-sit tal-MFSA.

Triq l-Imdina, Zone 1 Central Business District, Birkirkara CBD 1010
+356 2144 1155
communications@mfsa.mt
www.mfsa.mt

## Dwar l-MFSA

L-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta (MFSA) hija r-regolatur uniku tas-servizzi finanzjarji f'Malta, li tkopri banek, kumpaniji ta' assigurazzjoni, servizzi ta' investiment, trusts u pensjoniiet. Fl-2018, l-MFSA saret l-ewwel regolatur Ewropew li żviluppa qafas li jirregola l-assi finanzjarji virtwali. Il-missjoni tal-MFSA, kif definita fil-Viżjoni tagħha għall-2021, hi li ssaħħaħ il-pożizzjoni tagħha bħala awtorità superviżorja indipendenti, proattiva u afidabbli bl-għan ewlieni li tissalvagwardja l-integrità tas-swieq, u tħares l-istabilità tas-settur finazjarju għall-benefiċċju u l-protezzjoni tal-konsumatur. L-MFSA tilliċenzja aktar minn 2,200 fis-settur tas-servizzi finanzjarji, li jifforma 6% tal-Prodott Domestiku Gross ta' Malta.